# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 9 ta' Jannar, 2019**

**Rikors Numru : 413/2018 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**AO**

**Vs**

**JG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' AO, datat 13 ta' Settembru 2018, a fol 1 li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fis-26 ta' Novembru 2011 (**Dok A**) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.*

*Illi l-partijiet huma separati legalment b'kuntratt datat 24 t'April 2014 fl-atti tan-Nutar Dr Mary sive Mariella Mizzi fejn l-intimata rrivertiet ghal kunjom xbubitha cioe Grima (**Dok B**).*

*Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn erba' (4) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalemnt separata minghand xulxin.*

*Illi fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq riferit il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jesigu manteniment minghand xulxin.*

*Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

*Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2018, dehret l-intimata JG fejn tat ruhha notifikata u fejn gie spjegat lilha d-dritt ta' avukat u risposta guramentata. (Vide fol 14)

Rat li l-att promotur, id-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skont il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazjoni mid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**JG** xehdet a fol 15 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fis-26 ta' Novembru 2011 u kienu ottjenew separazzjoni legali fl-24 t'April 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehdet illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament sa minn Frar tas-sena qabel ma sseparaw u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AO** xehed a fol 20 *et seqq* u kkonferma x-xhieda moghtija minn Janice Grima.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
> ***[...]***
>
> ***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
> ***[...]***

Il-Qorti rat jirrizulta illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 24 t'April 2014 fl-atti tan-Nutar Dottor Mariella Mizzi, debitament awtorizzat mill-Qorti, u ilhom jghixu separatament sa minn Frar tas-sena qabel ma sseparaw – vide Dok B a fol 3 et seqq.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi gie pruvat inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Ai termini tal-artikolu 243 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrent u tqassar it-terminu tal-appell ghal jumejn.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**